# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/613

## tad-9 ta' April 2019

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2019.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Stephen QUEST

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Oġġett bil-kamin tal-azzar inossidabbli b'kamin intern. Għandu forma ta' skorfina bi flanġ fuq tarf minnhom.<br>L-oġġett huwa ddisinjat biex jintuża fl-assemblaġġ tal-pajpijiet tas-sistema idrawlika tal-ibbrejkjar ta' vettura bil-mutur.<br>Hekk kif jiġi ssikkat, l-oġġett iwassal biex il-komponenti tal-ġonta ta' konnessjoni joqogħdu fil-pożizzjoni korretta u b'hekk jiġi żgurat is-siġill idrawliku.<br>Ara l-istampi (*). | 7318 16 39 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali (GIR) 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mit-test tal-kodiċijiet NM 7318, 7318 16 u 7318 16 39.<br>L-oġġett għandu l-karatteristiċi oġġettivi ta' "oġġetti bil-kamin" ikklassifikati taħt l-intestatura 7318.<br>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 7307 bħala tagħmir ta' tubi u pajpijiet hija eskluża peress li l-oġġett jagħmel pressjoni biss fuq il-komponenti li jiffurmaw il-ġonta ta' konnessjoni u ma jmissx mal-likwidu trażmess permezz tal-pajpijiet. Il-kamin ta' ġewwa l-oġġett mhuwiex iddisinjat biex joħloq jew iżomm is-siġill idrawliku.<br>L-oġġett ma jistax jiġi kklassifikat bħala tagħmir/coupling mhux komplut minħabba l-GIR 2(a) għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda peress li ma għandux il-karattru essenzjali tat-tagħmir/coupling komplut.<br>Boltijiet, skorfini, viti, eċċ. adattati biex jintużaw fl-assemblaġġ ta' tagħmir ta' tubi jew pajpijiet huma eskluži mill-intestatura 7307 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-intestatura 7307, eskluż il-punt (b)).<br>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 7318 16 39 bħala skorfini oħrajn tal-istainless steel. |

(*) L-istampi għandhom jintużaw biss għal finijiet ta' informazzjoni.






